# IL-QANPIENA

April 2010 Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara Ħarġa Numru: 346

## INSELLMILKOM

### IŻ-ŻJARA TAL-PAPA



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

Dawn l-ewwel jiem ta' April għandhom jgħinuna inkomplu nsaħħu fl-ispirtu tat-tħejjija għaż-żjara pastorali tal-Papa Benedittu XVI fostna. Tajjeb li niftakru li l-Papa hu l-Vigarju ta' Kristu, u l-'Blata' li fuqha għandi nserraħ it-triq tal-ħajja tiegħi: 'Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi' (Mt 16, 18)

Il-missjoni tal-Papa hi li jagħmel id-dawl ta' Kristu jidher lill-irġiel u n-nisa tal-lum, mhux id-dawl tiegħi imma dak ta' Kristu. Kliem il-Mulej lil Xmun Pietru fl-aħħar ċena '...u int imbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa wettaq lil ħutek' (lq 22, 32). Il-Papa hu l-gwida fil-professjoni tal-fidi fi Kristu, Iben Alla l-Ħaj.

Iż-żjara tal-Papa fostna hi ta' għajnuna biex il-Kattoliċi jissaħħu fil-fidi tagħhom. Din is-sena taħbat ukoll l-1950 sena minn Nawfraġju f'Malta tal-Appostlu Pawlu. Għalhekk, ejjew ilkoll nieħdu din l-okkażjoni biex insaħħu l-fidi b'xhieda awtentika tal-ferħ tagħna, fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, u fid-dinja ta' madwarna. J'Alla aħna nkunu storja ħajja għal dawk li qegħdin ifittxu t-tifsira ta' ħajjithom. B'hekk inkunu qegħdin nilħsqu l-iskop tagħna li nkunu d-dawl u l-melħ u l-ħmira tas-soċjeta ta' madwarna.

Tislijiet u talb,

***Dun Anton***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
info@bazilikasantelena.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).


CASA ANTONIA

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278

Website:
www.casa-antonia.com.mt

email:
info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146


## Kalendarju Liturġiku APRIL

F'paġna 3 hemm il-programm tal-Gimgħa Mqaddsa

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 05** | ***4.30pm*** Jibda t-Tberik tal-Familji ara paġni 4 sa 6.<br>***7.15pm*** Ċentru S. Elena: JIbda l-Kors ta' Tħejjija taż-Żwieġ għall għarajjes. |
| **Il-Ħamis 08** | ***7.00pm*** Bażilika: Adorazzjoni mmexxija mill-Kor Sidtna Marija Sultana tal-Paċi<br>F'S. Rokku l-10 Ħamis ta' S. Rita. |
| **Is-Sibt 10** | ***4.30pm*** Tal-Ħerba:Ċelebrazzjoni Marjana u wara Quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu fix-xahar ta' Marzu. |
| **Il-Ħadd 11** | ***7.45am*** Joħroġ il-Vjatku Solenni. Dawk il-morda li jixtiequ jehem javżaw lis-saċerdoti jew Ministri straordinarji tat-Tqarbin.<br>***4.30pm*** Bażilika: Quddiesa bil-Magħmudija<br>***4.30pm*** S.Rokku: Festa tal-Ħniena Divina: Adorazzjoni u fil-5.30pm Quddiesa. |
| **L-Erbgħa 14** | ***10am*** *11.00am* **Tal-Ħerba**: Adorazzjoni |
| **Il-Ħamis 15** | ***7.00pm*** Bażilika Adorazzjoni mmexxija mis-sorijiet tal-Parroċċa.<br>S.Rokku Il-11 il-Ħamis ta' S. Rita.<br>***6.30pm*** Parroċċa taż- Żurrieq: Is-Seminarista Michael Zammit (ara pagna 7 se jiirċievi il-Ministeru tal-Lettorat . |
| **Il-Ġimgħa 16** | **Fuq iz-Zuntier tal-Madonna tal-Ħerba**<br>**Attivita' għall-Adoloxxenti 13+ fit-8.00pm**<br>"Marija fuq il-Face Book" Jieħdu sehem il-Grupp "Unspoken" Grupp ta' Christian Rock Band mill-Ibraġġ. Jieħdu sehem l-adoloxxenti mill-Parroċċi tas-Swatar, S. Ġużepp Ħaddiem, S. Marija u Fleur de Lys<br>Wara jkun hemm "Get together." |
| **Is-Sibt 17** | Jasal il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedettu X VI<br>It-tfal jilqgħuh f'Pjazza S. Ġorġ Valletta |
| **Il-Ħadd 18** | Il-Parroċċa tagħna ssellem lil Papa fi Triq il-Wied. Ninġabru ħdejn il-Knisja ta' S. Pawl Triq il-Wied.<br>***9.00am*** nkunu hemm preżenti.<br>***10.00am*** Fuq il-Fosos tal-Furjana: Quddiesa. |
| **It-Tnejn 19** | ***7.30pm*** Core grupp Meeting |
| **It-Tlieta 20** | ***9.30am*** Tluq għal San Vinċenz de Paule; Żjara lil Karkariżi.<br>***7. 00pm*** Grufan |
| **L-Erbgħa 21** | ***9.00am*** Ħarġa Breakfast għan-Nisa. |
| **Il-Ħamis 22** | ***5.15pm*** Bażilika: Laqgħa għat -tfal taċ-Ċentri tad-Duttrina "Aħna Nsara tal-Għid."<br>***7.00pm*** Laqgħa tal-Grupp Nisa Separati<br>S.Rokku it-12 il-Ħamis ta' S. Rita |
| **Is-Sibt 24** | **Sala Parrokkjali: Symposium dwar il-Familja bħala parti miċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Inkoronazzjoni .**<br>***7.00pm*** Symposium: kelliema Sur Joe Aquilina, (family for Christ), Sur Lawrence Grech (ex editur tas-Sunday Times) Miriam Sciberras, Dentista u Omm Imexxu l-Forum Servolo u Marcelle Delicata.<br>***8.00pm*** Il-Koppji jimxu pellegrinaġġ għas-Santwarju fejn fit-8.30pm tiġi ċċelebrata Quddiesa. |

***ikompli f'paġna 3...***

*...ikompli minn paġna 2*

| | |
|---|---|
| **Il-Ħadd 25** | JUM il-VOKAZZJONIJIET. |
| | ***4.30pm*** Bażilika: Quddiesa tal-Magħmudija. |
| **It-Tlileta 27** | ***9.30am*** Sala ta'-Ċentru: Coffee Morning b'riżq il-Ħidma tad-djakonija. |
| **Il-Ħamis 29** | *7.00pm* Sala ta' fuq taċ-Ċentru: Laqgħa tal-persuni responsabbli tal-Għaqdiet, Kumitati u Kummissjonijiet mad-Delegat ta' Mons.Arċisqof is-Sur Joe Farrugia, bi tħejjija għall-Vista Pastorali ta' Mons. Arċisqof f'Ġunju. |

---

# IL-ĠIMGĦA MQADDSA

**ĦADD IL-PALM 28 ta' Marzu JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

*9.00am* Tberik taż-Żebbuġ u purċissjoni mis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba għall-Bażilika.
Wara, quddiesa konċelebrata bil-Qari tal-Passjoni. (Fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd titqassam tifkira ta' ħadd il-Palm)

**31 ta' Marzu**

*7.30pm* Via Sagra Djoċesana. Tibda mill-Knisja S. Marija sad-dar tal-Kleru fis-sena tas-Saċerdoti

**ĦAMIS IX-XIRKA 01 ta' April**

(Fil-għodu ma jkunx hemm quddies)

*7.00am* Bażilika: Reċita tal-Liturġija tas-sigħat.

*9.00am* Fil-Konkatidral ta' San Ġwann tal-Belt Valletta.Quddiesa tat-Tberik taż-żjut tal-Griżma.

*6.30pm* Konċelebrazzjoni - Tifkira tat-Twaqqif tal-Ewkaristija u s-Saċerdozju. Ningħaqdu lkoll Quddiesa Waħda.

*8.15pm* Is-Seba' Vi¿ti

*10.30pm* Siegħa Adorazzjoni Komunitarja
*Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fit-tiżjin tas-Sepulkru permezz tal-ward preferibbilment abjad, għandhom iġibuhom fis-Sagristija sal-Erbgħa filgħodu.*

**IL-ĠIMGĦA L-KBIRA 02 ta' April**

(Filgħodu ma jkunx hemm quddies)

**Hemm l-Obbligu tas-Sawm u ma jiswix laħam.**

*7.00am* Reċta tal-Liturġija tas-Sigħat mal-Kapitlu.

*8.00am* VIżti tas-7 Knejjes.

*9.15am* Adorazzjoni għat-tfal immexxija miċ-Ċentri tad-Duttrina.

*10.00am* Reċta tal-Liturġija tas-Sigħat

*3.00pm* It-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej: Funzjoni bil-qari tal-Passjoni, l-Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin Imqaddes.
Il-Funzjoni tispiċċa f'ħin biex wieħed ikun jista' jmur jara l-Purċissjoni f'parroċċa oħra.

*ikompli f'paġna 4...*

...ikompli minn paġna 3

**SIBT IL-GĦID 03 ta' April**
(Filgħodu ma jkunx hemm Quddies)
*7.00am* Reċta tal-Liturġija tas-Sigħat mal-Kapitlu
*5.30pm* Qrar
*8.00pm* Quddiesa tal-Vġili tal-Għid li fiha jsir
*It-tberik tan-Nar
*Qari tal-Kelma t'Alla
*Ċelebrazzjoni u Tberik tal-Ilma tal-Magħmudija
*Ewkaristija
Wara l-funzjoni fuq iz-Zuntier naqsmu l-ferħ tal-Għid flimkien.

**L-GĦID IL-KBIR 04 ta' April**
Il-Ħin tal-quddies ikun bħal dak ta' kull nhar ta' Ħadd.
*9.30am* Quddiesa Prepositali tal-Għid.
*5.30pm* Għasar tal-Għid

---

## ***Tberik tal-Familji***

**It-Tnejn 5 ta' April**
* Triq is-Santwarju, Sqaq Bużaqq, u Pjazza S.Elena; Triq San Ġużepp u Triq id-Dejqa
* Triq Tal-Ħerba.
* Triq Triq S.Elena mill-Pjazza l-Isfel; Triq S.Elena Nibdew mill-Pjazza San Franġisk sa Triq is-Santwarju.
* Sqaq Sampusa.

**It-Tlieta 6 ta' April**
* Triq San Ġiljan (minn 260 mal-ħajt tal-Knisja ta' S. Rokku; Sqaq Nu.1; Sqaq Dun Vestru
* Misraħ it-Tiġieġ il-parti li tmiss ma' Triq San Ġiljan;Sqaq Għargħar u Triq Kavalier Alenton.
* Triq San Ġiljan (minn Nu. 305 - 229A)

**Il-Ħamis 8 ta' April**
* Triq Tumas Fenech (naħa tal-Kunsill Lokali) Triq Dun Karm (il-Blokk ta' ħdejn Aplan showroom) Triq Anton Galea.
* Triq Tumas Fenech u Sqaq (naħa ta' St. Helen's Pharmacy) Triq Karmenu Sammut.
* Triq Għar il-Ġobon (min-naħa ta' triq San Ġiljan ) u Sqaqien 2,3 u 4)
* Triq Għar il-Ġobon (nibdew minn Triq S.Ġiljan u Sqaq Nu.1)

**Il-Ġimgħa 9 ta' April**
* Triq Laqxija u Block M1,D u B u l-Blocks C M2,M3, N fi Triq il-Wegħdiet.
* Triq Ven. Nazju Falzon, Block E,H,I; Pjazza Joseph Briffa
* Triq il-Laqxija Blocks J,K,L,G,F,A.
* Triq il-Kbira Ħassajjied (minn tarf it-Triq S. Kostantino) u Sqaq Rajżi;Sqaq Decelis, Nannuwa;u Triq Decelis.

**It-Tnejn 12 ta' April**
* Triq il-Vitorja (minn Triq il-Kbira Ħassajjied in-naħa ta'Yellow phase) Triq J.Galea Curmi.
* Sqaq il-Vitorja, Mogħdija tal-Vitorja
* Triq Ħassajjied u Sqaq Nu 1 u Sqaq Nu 2.

**It-Tlieta 13 ta' April**
* Triq Għargħur (kollha) u Triq ir-Raddiena; Triq Dun Karm (il-parti li tmiss ma' Triq Għargħur)
* Triq Ġiovanni Mamo; Triq il-Ftieħ.
* Triq Kan.K.Pirotta; Triq Mons. Emm.Vella.
* Triq Ġu¿eppi Licari; Triq Jannara.

***ikompli f'paġna 5...***

*...ikompli minn paġna 4*

**L-Erbgħa 14 ta' April**
* Sqaq it-Tiġieġ (taqsam il-ByPass); Triq Dun Karm (tibda minn Sqaq l-Għoġla sat-tarf)
* Triq S. Ġiljan (mill-Bypass sa S.Ġwann Estate)
* Triq it-Torri u Sqaq it-Torri
* Triq Dun Karm (minn Triq G.Papaffy sa Triq S. Ġiljan –taħt il-Bypass)

**Il-Ħamis 15 ta' April**
* Triq S.Kostantino; Sqaq Kantur.
* Triq is-Salib Imqaddes; Triq Melitella.

**Il-Ġimgħa 16 ta' April**
* Triq it-Taħħan; Triq Mons Alfred Mifsud.
* Sqaq Kanċella; Sqaq Moħli; Sqaq Dun Perin

**It-Tnejn 19 ta' April**
* Triq Bwieraq (nibdew in-naħa ta' Triq il-Kbira)
* Triq Ign. Saverio Mifsud
* Triq Francesco Buhagiar.

**It-Tlieta 20 ta' April**
* Triq F.S.Caruana
* Triq John Borg (mit-tarf ta' triq Dun Karm sa Triq I.S.Mifsud)
* Triq John Borg (mit-triq I.S.Mifsud l-isfel) u Sqaq S. Pawl.

**L-Erbgħa 21 ta' April**
* Triq Imnajjar u Triq Brared (quddiem l-iskola Primarja).
* Triq Brared (nibdew minn Triq il-Kbira)
* Triq L-Isqof Labini.
* Triq Rigu; Sqaq Rigu u Triq Iż-Żebbiegħa.

**Il-Ħamis 22 ta' April**
* Triq il-Kbira (nibdew minn Triq il-Wied).
* Triq Qrejzu, Triq il-Knisja l-Qadima; Sqaq Sabella.
* Sqaq Biiċċiera.

**Il-Ġimgħa 23 ta' April**
* Triq S. Rokku (mill-Kappella sa Sqaq Karla) Sqaq Karla u Triq S. Rita.
* Triq S.Rokku (minn Triq il-Wied il fuq) Sqaq S.Rokku; Triq l-Ilsiera; Triq Anġla.
* Triq Gazzija u Triq R.Farrugia Randon.

**It-Tnejn 26 ta' April**
* Triq l-Imsida u sqaqien (minn Triq il-Kbira sa Triq il-Wied).
* Triq l-Ibgħal; Triq is-Sienja; Triq Mons Karm Bonnici)
* Triq Kalċidon Gatt
* Triq S.Sommier (tibda minn Triq Girasol).

**It-Tlieta 27 ta' April**
* Triq l-Aħwa Cannataci.
* Triq L.Casolani (min-naħa ta' Triq Mons Karm Bonnici)
* Triq Ġirasol; Blocks A, Block C; Block B1, Bieb A; Block B;Bieb 1 u Block D, kantuniera ma' Triq Casolani u Triq Ġirasol.

**L-Erbgħa 28 ta' April**
* Triq Mons Depiro u Triq Agnes Schembri.
* Triq Ċikku Bonaci.
* Triq Mose' Gatt.
* Triq Bernard Blanc; Triq Lorenzo Gatt.

*ikompli f'paġna 6...*

*...ikompli minn paġna 5*

**Il-Ħamis 29 ta' April**
* Triq Giovanni Papaffy.
* Triq Olaf Gollcher (il-parti ta' fuq)
* Triq Ċensu Costa u Triq Tumas Galea.

**Il-Ġimgħa 30 ta' April**
*Triq Fonzu M.Galea u Blocks B u C1.
* Block C2 u Block C3 ta' Triq D.M.Galea.
* Blocks C 4 u C5 fi Triq F.M.Galea.
* Triq Olaf Gollcher (il-parti t'isfel) Triq Vincenzo Bugeja u Ringiela E2, C;E3.

**It-Tlieta 4 ta' Mejju**
* Trejqa u Triq il-Qasab.
* Triq il-Qalb Imqaddsa
* Triq Santa Marija
* Triq Wignacourt.

**L-Erbgħa 5 ta' Mejju**
* Triq il-Wied u Sqaq1; taħt il-pont.
* Triq it-Torri Wejter.
* Villa Eugene Blocks 1, 2, 3, 4.

**IL-Ħamis 6 ta' Mejju**
* Triq Grech Delicata; Block A u Ringiela B,E1
* Triq Grech Delicata (quddiem l-iskola) u Triq Paris
* Triq il-Plejju, Triq Ċe¿alpina u Ringiela A
* Triq Dun Filippu Borg

**Il-Ġimgħa 7 ta' Mejju**
* Triq Salvu Psaila mill-Venda
* Triq Gejtanu Mannarino.

**It-Tnejn 10 ta' Mejju**
* Tal-Balal; Tal-Qasbi u Triq il-Wied tal-Imsida.
* Triq Fleur de lys (minn Triq il-Wied.)

## *Notament għat-tberik*

* Innota l-jum meta jmiss it-tberik fit-triq tiegħek biex tkunu ppreparati. It-tberik jibda minn diversi toroq fl-istess ħin fl-4.30pm. Dan hu mmarkat b'asterisk.
* Min ma jistax ibierek fid-data mmarkati, jista' jċempel lill-Prepostu u jagħmel appuntament miegħu.
* Ftakar li s-saċerdot ibierek il-familja u mhux il-ġebel. Għalhekk, safejn hu possibli, għandhom ikunu preżenti l-membri kollha biex jitolbu flimkien.
* It-tberik mhux forma ta' Home Visit, Jekk tixtieq tiddiskuti xi ħaġa mas-saċerdot, ħu ċ-ċans u agħmel appuntament.
* Mhux possibbli li s-saċerdot joqgħod jiekol u jixrob waqt it-tberik.
* L-offerti li tagħti fit-tberik imorru għall-bżonnijiet pastorali; għall-abbatini u għas-sagristan.

Alleluia

Il-Prepostu u l-Kapitlu Elenjan, flimkien mall-Kunsill Pastorali Parrokkjali jixtiequ lilek u lill-familja tiegħek l-GĦID IT-TAJJEB. Jistednuk biex taqsam mal-Komunita' l-esperjenza ta' Ċelebrazzjoni u Talb matul il-Ġimgħa Mqaddsa fit-talb u bis-sehem fil-funzjonijiet ta' Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Velja tal-Għid.

---

## SEMINARISTA MICHAEL ZAMMIT

*G*ħal hafna dar ġdida tfisser ukoll parroċċa ġdida! Dan jgħodd anki għal min ikun qed iħejji ruħu għas-saċerdozju, anzi din il-bidla tkun tfisser aktar għalih. Dan jolqot anke lili li dalwaqt ġej noqgħod fil-Parroċċa ta' Sant'Elena. Jien Michael Zammit, għandi 23 sena u bħalissa qiegħed fil-ħames sena tiegħi ta' formazzjoni fis-Seminarju. Kien ta' pjaċir kbir għalija meta s-Superjuri tiegħi f'Diċembru li għadda qaluli li minn issa l'quddiem jiena Seminarista mill-Parroċċa ta' Sant'Elena, Birkirkara. Kien ta' pjaċir għax minn dejjem kelli rabta ma' Birkirkara, fejn nista' ngħid li trabbejt magħkom minħabba li l-familja tiegħi hija Karkariża. L-ewwel kuntatt tiegħi mas-saċerdot djoċesan kien permezz tal-eżempju u l-għajnuna li irċivejt minn xi kanonċi Karkariżi.

Fit-12 ta' Frar li għadda ġejt ukoll milqugħ bħala Kandidat ġdid għas-saċerdozju, fejn permezz ta' dan l-ewwel pass tibda tintrabat aktar mal-Knisja li tinsab hawn f'Malta u tintrabat wisq aktar mal-persuna ta' Ġesu'. Jekk Alla rrid fil-15 t'April li ġej imiss it-tieni pass li huwa l-għoti tal-Ministeru **tal-Lettorat** f'quddiesa ġewwa l-Parroċċa ta' Santa Katarina ż-Żurrieq. Permezz ta' dan il-ministeru aħna mħeġġa biex inkunu aktar midħla tal-Kelma t'Alla u nxandru din il-Kelma fil-qalb ta' kull persuna li niltaqgħu magħha l-aktar bl-eżempju tagħna.



Bħalissa fis-Seminarju qegħdin 36 Seminarista li 3 minnhom huma Karkariżi. Minbarra jiena, hemm Leonard Mintoff li bħalissa qiegħed l-Awstralja bħala parti mill-esperjenza tar-4 sena, u Rev. Noel Borg li huwa djaknu u fit-23 ta' Ġunju li ġej ser jiġi ordnat saċerdot. Ix-xewqa tagħna t-tlieta hija li warajna ikun hemm aktar żgħażagħ li jwieġbu 'Iva' għas-sejħa li jagħmel il-Mulej. B'hekk nixtieq nagħmel kuraġġ lil dawk li qed iħossu s-sejħa u ma jibżgħux iwieġbu 'Iva'. Nitlobkom ukoll sabiex tiftakru fina fit-talb tagħkom għax l-għajnuna tagħkom hija ferm bżonnjuża fil-mixja tagħna.

Jkun xieraq li nitolbu għal familji tagħna biex ikunu mibnija fis-sod fuq il-valuri Nsara, għax il-familja tajba hija benniena tal-vokazzjoni! J'Alla Birkirkara tkun mbierka b'ħafna vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi, biex il-Knisja ma jkun jonqosa qatt rgħajja qaddisa li jmexxuha kif jixtieq il-Mulej.

**Michael Zammit**

# *Mill-ħajja tal-Parroċċa*

## Frar

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Pierre Paul Borg - Josianne Cardona Gatt.

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**

Rodovey Cuschieri; Kelsey Borg; Misael Zarb; Mikael Grech; Kieran Grima; Damaya Cricchiola.

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**

Carmelo Borg; Francesco Borg; Carmelo Micallef; Rita Cassar; Joseph Borg; Anthony Borg; Francesco Said; Raimonda Agius; Michelina Theuma; Maria Theresa Abela.

## Suffraġji

\+ **Il-Familja Grech** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Spiru Grech** li jagħlaq 33 sena mejjet fit-2 ta' April.

\+ **Rita Casha** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiż żewġha **Ġużeppi** li jagħlaq 24 sena mejjet fit-3 ta' April.

\+ **Doris Agius** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiża ommha **Ġużeppa Schembri** li tagħlaq 8 snin mejta fil-5 ta' April.

\+ **Helen Bonello** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiża tagħha **Marianna Bonello** li tagħlaq 11-il sena mejta fl-10 ta' April.

\+ **Stella Borg** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiż ħuha **Ġużeppi Borg** li miet fit-12 ta' Frar ta' din is-sena.

\+ **Giovanna Zammit** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiża oħtha **Carmela Zammit** li tagħlaq 19-il sena mejta fil- 25 ta' April.

\+ **Helen Zammit** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiż żewġha **Frans** u tal-għażiż binha **Joe.**

\+ **Rita Grech u bintha Dorianne** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Twanny Grech** li jagħaq 23 sena mejjet fit-22 ta' April.

## Ħbieb

Carmen Mallia; Carmen Bonello; Gu¿a Borg; Helen Gauci; Mary Bonnici, Anna Debono; Doris Terribile; Nina Grech; Nazzarena Pisani; Tessie Xuereb.

€2.00c minn Dun Perin Lane permezz ta' Ginnie Grech.

€2.64c permezz ta' Carolina Debono.


LAURENS WATCHES

**G.B. JEWELLERY**

GEORGE BUSUTTIL

451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679

LORENZ WATCHES